# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 11 ta' April, 2019**

**Kawża Nru 21**

**Rik. Nru. 582/14JRM**

Miriam *sive* Mary Anne **CAMILLERI**

vs

Lindsey **BORĠ** u Gasan Mamo Insurance Limited

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-1 ta' Lulju, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi titlob li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin, jew lil min minnhom, huma responsabbli għall-ħlas tad-danni mġarrba minnha meta fit-28 ta' Awwissu, 2012, ittajret minn karozza misjuqa mill-imħarrka, u ġarrbet ġrieħi li ġabulha debilità li ma tgħaddix; (b) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan, id-danni minnha mġarrba fl-imsemmi inċident; u (ċ) tikkundannha lill-imħarrkin solidalment bejniethom iħallsuha d-

danni mġarrba u likwidati. Talbet ukoll l-ispejjez, magħduda dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Jannar, 2014 u tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' April, 2014;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Lulju, 2014[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-partijiet dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fid-29 ta' Awissu, 2014, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ċaħdu kull responsabbilità għal dak li ġara u minflok xlew lill-attriċi bil-ħtija ta' dak li setgħet ġarrbet. Huma ikkontestaw ukoll id-danni pretiżi mill-attiċi, magħduda l-konklużjonijiet mediċi skond ir-rapport anness mar-Rikors Maħluf;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Novembru, 2014[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor ix-xhieda tal-partijiet;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Mejju, 2016[3], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fis-6 ta' Ottubru, 2016[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin tad-9 ta' Jannar, 2017[5], bi tweġiba għal dik tal-attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara li l-attriċi ttajret minn karozza misjuqa mill-imħarrka waqt li kienet qiegħda taqsam it-triq. L-imħarrka u l-

[1] Paġġ. 18 – 9 tal-proċess
[2] Paġġ. 122A – 124 tal-proċess
[3] Paġ. 258 tal-proċess
[4] Paġġ. 259 – 261 tal-proċess
[5] Paġġ. 263 – 7 tal-proċess

kumpannija assikuratriċi tagħha ma aċċettawx il-ħtija għall-inċident. L-attriċi qed titlob li l-imħarrkin jagħmlu tajjeb għad-danni mġarrba minħabba l-inċident, li ġabulha debilità li ma tgħaddix;

Illi l-imħarrkin, min-naħa l-oħra, jilqgħu għal din l-azzjoni billi jgħidu li huma ma jaħtu xejn għal dak li ġara u li l-attriċi ġabet l-għawġ fuqha bl-imġiba traskurata tagħha meta ma qagħditx attenta kif qabdet u qasmet it-triq;

Illi bħala fatti relevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li nhar it-28 ta' Awwissu, 2012, għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija, l-attriċi kienet qiegħda taqsam Triq Pawlu Inguanez, fir-Rabat, Malta, meta kif kienet għoddha qasmet u waslet qrib il-bankina tal-faċċata, ittajret minn karozza tal-għamla *Opel Corsa* bin-numru tar-reġistrazzjoni ABQ 016 misjuqa mill-imħarrka Borġ;

Illi l-attriċi tgħid li l-karozza ta' l-imħarrka ratha ġejja minn Triq Santa Rita[6] u f'ħakka t'għajn il-karozza ħaxknet magħha[7], tajritha u xeħtitha f'nofs ta' triq[8]. Marki tas-swaba' tal-attriċi nstabu fuq in-naħa ta' quddiem tal-karozza tal-imħarrka[9]. L-attriċi ttieħdet l-isptar b'ambulanza fejn ġiet iċċertifikata li kellha ksur ta' xi rkiekel f'daharha u ħsara fil-minkeb tad-drigħ lemini[10];

Illi min-naħa l-oħra, l-imħarrka tgħid li kien hemm għadd ta' affarijiet li kienu qed ifixklu l-viżwali tagħha fil-ħin ta' l-inċident[11]. Ilmentat mal-Pulizija li kellha x-xemx fuq wiċċha[12] fid-direzzjoni li kienet sejra, iżda tinsisti li meta niżlet tul Triq Santa Rita waqfet biex tara jekk kinux ġejjin karozzi oħra u, kif kienet ser taqla', fil-waqt u l-ħin semgħet l-għajta tal-attriċi[13]. L-imħarrka tgħid li minn fejn kienet qed taqsam l-attriċi, hi ma setgħetx taraha[14];

Illi fil-jum tal-inċident, l-attriċi kellha sitta u sittin (66) sena[15]. L-attriċi hija mara tad-dar, u tgħid li qabel l-inċident kienet issuq, taħdem fid-dar, tgħin lil żewġha fix-xogħol tar-raba' u taqdi l-bżonnijiet barra mid-dar mingħajr ebda xkiel[16]. Wara l-inċident, l-attriċi tgħid li ħajjitha nbidlet. Hija m'għadhiex

---

[6] Ara x-xhieda tal-attriċi mogħtijaf il-kontro-eżami f'paġ. 226 tal-proċess
[7] *Ibid* f'paġ. 227 tal-proċess. Ara wkoll il-vleġġa fuq dok. "VB1" f'paġ. 34 tal-proċess li turi fejn kienet l-attriċi meta intlaqtet mill-imħarrka
[8] *Ibid* f'paġ. 229 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "VB1" f'paġ. 34 tal-proċess. Il-marka tas-salib huwa fejn spiċċat mixħuta l-attriċi wara li ttajret mill-imħarrka
[9] *Ibid* f'paġ. 231 tal-proċess. Ara ukoll Dokti "LB1" u "LB2" f'paġġ. 125 – 6 tal-proċess
[10] Ara x-xhieda ta' Carmelo Sciberras f'paġ. 70 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "A" f'paġġ. 4 – 6 tal-proċess
[11] Ara x-xhieda tal-imħarrka f'paġ. 151 tal-proċess
[12] Ara Dok "CG" f'paġ. 51 tal-proċess
[13] Ara x-xhieda tal-imħarrka f'paġ. 147 tal-proċess
[14] *Ibid* f'paġ. 151 tal-proċess. Fi kliemha, minn fejn qasmet l-attriċi kienet '*blind spot*'. Ara wkoll Dok. "LB6" f'paġ. 135 tal-proċess
[15] Ara Dok. "VB1" f'paġ. 67 tal-proċess
[16] Xhieda tat-Tabib Paul Falzon f'paġġ. 86 – 8 tal-proċess

tista' ssuq, fil-mixi jkollha sserraħ fuq bastun u m'għadhiex tista' timxi fit-tul. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' xogħol fid-dar, tistrieħ fuq l-għajnuna ta' żewġha u binha għal kull ma jkollha bżonn[17]. Tgħid ukoll li, minħabba t-tbatija biex titla' turġien, kellha tniżżel is-sodda fis-sular terran tad-dar tagħha;

Illi fl-20 ta' Jannar, 2014, l-attriċi ġiet iċċertifikata li tbati minn debilità li ma tgħaddix maż-żmien. Il-konsulent mediku fil-fatt huwa tal-fehma li d-diżabilità tagħha kienet fil-grad ta' tlettax fil-mija (13%)[18];

Illi fil-31 ta' Jannar, 2014[19], l-attriċi bagħtet tinterpella lill-imħarrkin biex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mġarrba minnha;

Illi fl-1 ta' Lulju, 2014, infetħet din il-kawża;

Illi l-Pulizija fetħet proċeduri kriminali kontra l-imħarrka Borġ u l-imħarrka kienet ħalliet stqarrija wkoll mal-Pulizija fi Frar tal-2013[20]. Kienu nbdew proċeduri kontra tagħha bil-Qorti u b'sentenza tat-8 ta' Ottubru, 2015, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-imħarrka ħatja ta' sewqan traskurat[21]. Għalkemm l-imħarrka appellat mis-sentenza, jidher li b'rikors imressaq minnha fil-21 ta' Diċembru, 2015, hija ċediet l-imsemmi appell[22];

Illi l-Qorti tibda bil-<u>konsiderazzjonijiet legali li jolqtu l-każ</u> billi tgħid li bħala prinċipju, "*f'azzjoni bħal din l-attur jeħtieġlu jipprova l-fatt dannuż, l-imputabilità ta' dan il-fatt għal min ikun ikkaġunalu d-danni, u l-event dannuż emerġenti minn dan l-istess fatt. Il-Qorti għalhekk jeħtiġilha teżamina attentament il-provi biex tara jekk l-attur iddisimpenjax ruħu biex jissodisfa dawn l-elementi u fuq kollox u fl-ewwel lok irnexxielux jipprova konklużżivament il-ġustifikazzjoni li hu javanza biex jakkolla l-ħtija fuq il-konvenut nomine*"[23];

Illi dwar **l-ewwel stħarriġ tal-eżistenza tal-fatt dannuż** li trid tagħmel il-Qorti fid-dawl tal-elementi li għadhom kemm issemmew, ma jirriżultalha ebda dubju li tabilħaqq seħħ l-inċident li l-attriċi tgħid li ġara. L-imħarrka Borġ tisħaq li dan mhux minnu. Fi kliemha, meta l-attriċi ġiet wiċċ imb'wiċċ mal-karozza tagħha, ħaxknet mal-karozza u waqgħet mal-art (iżda

[17] Ara Dok. "MC1" f'paġġ. 32 – 3 tal-proċess u Dokti. "MC2" u "MC3" f'paġġ. 36 – 7 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "B" f'paġ. 7 tal-proċess
[18] Ara Dok. "A" f'paġġ. 4 – 6 tal-proċess
[19] Ara Dok. "Ċ" f'paġ. 8 tal-proċess
[20] Dok "SM", f'paġġ. 115 – 8 tal-proċess
[21] Ara Dok. "B" f'paġġ. 238 sa 257 tal-proċess
[22] Dok "A". f'paġ. 237 tal-proċess
[23] P.A. PS **9.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Busuttil vs Sammy Meilaq noe***

mhux għax laqtitha hi)[24]. Hi tistrieħ fuq is-sejba tal-marka tal-pala ta' id l-attriċi fuq il-parti ta'quddiem tal-karozza tagħha[25];

Illi l-Qorti iżda ssibha bi tqila biex tilqa' dan l-argument tal-imħarrka, għaliex dik il-linja ta' difiża ma hix imsaħħa mill-provi fattwali mressqa matul is-smigħ tal-kawża. Għall-kuntrarju, dak li jirriżultalha huwa li l-attriċi kienet tabilħaqq qiegħda taqsam f'dak l-imkien fil-ħin li ġara l-inċident, u fl-istess ħin l-imħarrka kienet qiegħda tabilħaqq issuq il-vettura tagħha, fatti mhux kontestat mill-imħarrka. Daqstant ieħor jirriżulta mhux kontestat li fuq il-vettura misjuqa mill-imħarrka nstabu l-marki tal-pala ta' id il-leminija tal-attriċi[26] u li l-attriċi spiċċat mixħuta fl-art. Kienet l-istess imħarrka li ċemplet għall-ambulanza, fejn l-attriċi ġiet mgħejjuna tintrefa' minn mal-art u tittieħed l-isptar għall-kura;

Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti ssib li għandha toqgħod mal-verżjoni mressqa mill-attriċi li tabilħaqq ġiet milquta mill-vettura misjuqa mill-imħarrka;

Illi dwar **ir-responsabbilità ta' min jaħti għall-inċident**, irid jingħad qabel kull ħaġa oħra li hija regola ġenerali fi kwestjonjiet ta' stħarriġ ta' responsabbilità f'ħabta jew inċident fit-triq, li kull sewwieq irid iħares żewġ regoli ewlenin, jiġifieri l-ewwel, li jirregola s-sewqan tiegħu skond iċ-ċirkustanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi), u t-tieni, li jżomm attenzjoni ("*proper look-out*") dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih[27];

Illi wara li ssemma dan il-prinċipju, il-Qorti ssib xieraq ukoll li mill-provi mressqa jirriżultalha li (i) il-partijiet jidhru li kienu midħla tat-triq billi kienu jużawha ta' sikwit[28]; (ii) dak il-ħin tal-ħabta, kien hemm karozzi pparkjati fuq iż-żewġ naħat ta' Triq Santa Rita[29]; (iii) il-karozza tal-imħarrka ma ġarrbet ebda ħsara[30]; (iv) li l-inċident seħħ ftit qabel ma kienet ser tibda nieżla x-xemx, jiġifieri bix-xemx faċċata tas-sewwieq; (v) li t-triq min-naħa għall-oħra tagħha minn fejn qasmet l-attriċi kienet waħda wiesgħa; (vi) li l-attriċi fil-fatt kienet waslet mal-parti tat-triq viċin ħafna tal-bankina ta' madwar il-kappella faċċata ta' mnejn kienet qasmet fi Triq Pawlu Inguanez, u (vii) li l-vetturi li

[24] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin f'paġ. 265 tal-proċess
[25] Ara l-istqarrija tal-imħarrka lill-Pulizija f'paġ. 51 tal-proċess
[26] Ara Dokti "LB1" u "LB2" f'paġġ. 125 – 7 tal-proċess
[27] Ara per eżempju, P.A. RCP **26.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa & Camilleri Ltd et noe vs Joseph Camenżuli*** (mhix pubblikata); P.A. PS **21.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Stefan Bonello vs Carmelo Abela*** (mhix pubblikata)
[28] Ara x-xhieda tal-imħarrka f'paġ. 150 tal-proċess. Ara wkoll dik l-affidavit ta l-attriċi f'paġ. 32 tal-proċess
[29] Ara x-xhieda tal-imħarrka f'paġ. 154 tal-proċess
[30] *Ibid* paġ. 152 tal-proċess

jkunu neżlin minn Triq Santa Rita (bħal ma kien dan il-każ) fid-direzzjoni lejn Triq Pawlu Inguanez riedu jduru magħha[31];

Illi l-Qorti trid ukoll tqis il-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet. Dan l-eżerċizzju huwa l-aktar meħtieġ billi l-ebda skizz ma sar fuq is-sit tal-inċident peress li l-imħarrka kienet ressqet il-karozza għal ma' ġenb it-triq sabiex ma tkunx ta' xkiel għall-karozzi l-oħra li kienu neżlin minn Triq Santa Rita[32];

Illi fil-każ tal-attriċi, il-Qorti għandha verżjoni waħda ta' kif ġara l-inċident. Fix-xhieda tagħha, l-attriċi baqgħet konsistenti kemm fl-eżami kif ukoll fil-kontro-eżami li sarilha. Fir-rigward tal-imħarrka, quddiem din il-Qorti hija tibqa' ssostni li meta niżlet minn Triq Santa Rita waqfet zoptu[33] u lill-attriċi sabitha quddiema, filwaqt li qalet li x-xemx kienet għammxitha billi kienet f'wiċċha dak il-ħin[34]. Fix-xhieda mogħtija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, daħlet f'aktar dettal dwar kif ġara l-inċident u joħorġu elementi li quddiem din il-Qorti ma jirriżultawx[35]. Il-Qorti tal-Maġistrati sabet ukoll li x-xhieda mogħtija mill-imħarrka, meta mqabbla ma' dik ta' l-attriċi, ma kinetx ċara u luċida[36];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonjiet, il-Qorti tasal għal fehma li għandha temmen lill-attriċi u ma tistax toqgħod fuq dak li tgħid l-imħarrka;

Illi, madanakollu, il-Qorti jidhrilha li għandha tqis wkoll l-argument imressaq mill-imħarrka, jiġifieri d-difiża tal-kontributorjetà għal dak li seħħ. L-imħarrka tgħid li l-attriċi ma messhiex qasmet minn dik il-parti tat-triq minn fejn fil-fatt qasmet, kemm għaliex it-triq hija wiesgħa (fil-fatt l-attriċi qasmet tul ta' pjazza żgħira), kif ukoll għaliex l-attriċi qasmet għal fuq bankina li magħha l-imħarrka kellha ddur bil-karozza biex titla' 'l fuq lejn Triq Pawlu Inguanez, bil-konsegwenza li sabet lill-imħarrka quddiemha għall-għarrieda;

Illi l-obbligu tas-sewwieq ma jestendix sal-punt li jipprovdi kontra negligenza grassa tal-passanti, għaliex il-passanti wkoll huwa mistenni minnu li joqgħod attent mill-perikli li jkunu għaddejja madwaru. Fil-fehma tal-Qorti, f'ċirkostanza bħal din jgħodd dak li jgħid l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili, li bis-saħħa tiegħu n-negligenza tal-parti li tbati l-ħsara tnaqqas mir-responsabbilità tad-danneġġjant iżda mhux li teskludiha għal kollox. Kif ingħad, "*Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to*

[31] Ara r-ritratti Dokti "LB7" sa "LB10" f'paġġ. 137 sa 143 tal-proċess
[32] Ara x-xhieda tal-imħarrka f'paġ. 154 tal-proċess
[33] *Ibid* f'paġ. 147 tal-proċess
[34] Xhieda tagħha fil-kontro-eżami f'paġġ. 156 – 7 tal-proċess
[35] Ara s-sentenza ta-Qorti tal-Maġistrati tat-8 ta' Ottubru, 2015 f'paġ. 247 tal-proċess
[36] *Ibid* f'paġ. 249 tal-proċess

*others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself*'[37];

Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorità li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, il-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaga li esponietha għal riskju; (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja; u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilità tar-riskju li dieħla għalih[38];

Illi dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien jistgħu jservu biex jaqtgħu l-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib jew inaqqsu l-effetti tagħha u dan billi l-għemil tal-parti mġarrba jaf jaqta' r-rabta tal-kawżalità mill-għemil tal-parti l-oħra[39];

Illi ċ-ċirkostanzi li fihom l-attriċi ntlaqtet mill-karozza misjuqa mill-imħarrka jagħtu r-riħ lid-difiża tal-imħarrka f'dan ir-rigward. Normalment, meta persuna tagħżel li taqsam it-triq, tieħu fuqha r-responsabbiltà tal-għażla tagħha. Fil-każ fejn persuna qiegħda taqsam it-triq, ma għandha teżisti l-ebda preżunzjoni li l-ħtija hija dejjem tas-sewwieq li jtajjarha jew li min qed jaqsam dejjem għandu raġun[40]. Dan jingħad ilgħaliex id-determinazzjoni tar-responsabbiltà għal inċident fejn persuna tintlaqat hija u taqsam it-triq tiddependi wkoll mill-mod kif dik il-persuna ġġib ruħha. Din ir-responsabbiltà fuq il-passant, madankollu, ma teħlisx lis-sewwieqa mill-obbligu doppju li jkunu jafu x'qiegħed jiġri fl-inħawi li minnu jkunu qegħdin isuqu u li jżommu kontroll tajjeb tal-karozza li tkun taħt il-kontroll tagħhom. Kemm hu hekk, il-persuna li tkun qiegħda taqsam it-triq għandha l-jedd li tippretendi li s-sewwieqa jkunu għaqlin u diliġenti biżżejjed biex ma jtajruhiex hi u taqsam, u sewwieq li jkun naqas minn xi wieħed miż-żewġ dmirijiet ewlenin fuq imsemmija u li jkun b'hekk qiegħed lilu nnifsu f'qagħda li ma setax jevita li jtajjar lill-persuna li qegħda taqsam, għandu jġarrab il-ħtija ta' dak in-nuqqas[41];

Illi huwa llum stabilit li s-sewwieq f'każ ta' inċident fejn tittajjar persuna huwa meħlus biss mill-ħtija fejn joħroġ li l-persuna li qasmet it-triq tkun għamlet hekk għall-għarrieda, jew qasmet minn post li bniedem mhux maħsub li jaqsam minnu[42] jew tkun ġabet ruħha b'mod li poġġiet lis-sewwieq

---

[37] ***Froom vs Butcher*** CA QB 286 (1976) per Denning LJ
[38]Ara s-sentenza P.A. RCP **31.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Żammit vs Maltapost plc*** (mhix appellata)
[39] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et*** (mhix appellata)
[40] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Żarb et vs Mauro Overend***
[41] P.A.GV **12.7.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Sammut et vs Robert Demanuele***
[42] P.A.GCD **17.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Sciberras vs Gilbert Caruana***

f'qagħda li, wkoll kieku uża l-għaqal u d-diliġenza kollha waqt li qiegħed isuq, ma kienx f'qagħda li jevita li jtajjar lil dik il-persuna[43];

Illi huwa fatt li l-attriċi qasmet il-wesgħa tat-triq minn parti li fiha ma kienx hemm *pedestrian crossing* u li kienet waslet f'punt li titla' l-bankina li hemm iddawwar il-kappella. Madankollu, l-ħsieb tal-attriċi kien li tkompli taqsam san-naħa l-oħra tat-triq mill-karreġġjata li minnha kienet ġejja l-imħarrka. Wara li l-Qorti qieset dan kollu, ma jidhrilhiex li d-difiża mqanqla mill-imħarrka hija tajba. Dan qiegħed l-aktar jingħad għaliex mill-ġabra ta' provi mressqa joħroġ ċar li l-imħarrka ma kinitx qiegħda żżomm kontroll ta' dak li kien hemm madwarha u, mix-xhieda tagħha stess, jidher li lanqas kellha kontroll xieraq tal-vettura li kienet qiegħda ssuq. Dawn in-nuqqasijiet wasslu biex l-imħarrka, f'dak il-ħin, ġabet ruħha b'mod traskurat u negliġenti fis-sewqan tagħha u dan ixejjen kull ħtija minn fuq l-attriċi;

Illi fid-dawl tal-priċipji li għadhom kemm issemmew, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attriċi ma ikkontribwiet bl-ebda mod għall-inċident li kienet imdaħħla fih u li l-ħtija waħdanija għall-istess inċident taqa' fuq l-imħarrka;

Illi f'dan il-każ, l-attriċi għażlet li, flimkien mal-imħarrka, tħarrek ukoll lill-kumpannija assikuratriċi tal-istess imħarrka. F'dan ir-rigward, il-Qorti qiegħda tqis li l-ħtija tal-imħarrka tgħabbi bir-responsabbiltà tal-ħlas tal-kumpens lill-istess assikuratriċi, għalkemm din ma taħtix għall-inċident bħalma taħti l-assikurata tagħha;

Illi fid-dawl ta' din il-fehma l-Qorti ssib li l-ewwel talba attriċi hija tajba u sejra tilqagħha, filwaqt li tiċħad kull waħda mill-eċċezzjonijiet li bihom l-imħarrkin jiċħdu l-ħtija jew jippruvaw jgħabbu lill-attriċi b'xi sehem minnha;

Illi dwar il-**likwidazzjoni tad-danni**, il-liġi trid li kull persuna twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha[44], u jitqies hekk kull min f'għemilu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[45]. Għalhekk kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lill ħaddieħor[46];

Illi l-ħsara li persuna negliġenti trid twieġeb għaliha tikkonsisti (a) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-egħmil; (b) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha; (ċ)

[43] P.A.GV **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Urpani vs Giaċinto Bartolo***
[44] Art. 1031 tal-Kap. 16
[45] Art. 1032(2) tal-Kap. 16
[46] Art. 1033 tal-Kap. 16

fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali; u (d) fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba debilità dejjiema kawżata minn dak l-egħmil[47];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-attriċi qed tippretendi kumpens kemm dwar l-ispejjeż minfuqa (*damnum emergens*), u kif ukoll dwar in-nuqqas jew telf li sejra ġġarrab minħabba li baqgħet ma fiqitx għal kollox mill-ġrieħi li ġarrbet fl-inċident (*lucrum cessans*). Il-Qorti qieset bir-reqqa l-provi mressqin mill-attriċi dwar l-ilmenti tagħha u jidhrilha li hemm nisġa bejn l-inċident u dak li ġarrbet l-attriċi wara li ttajret. Mir-*Road Traffic Accident Report*[48] meħud flimkien mal-fehmiet tal-espert mediku mqabbad *ex parte*[49], il-Qorti tasal għall-fehma li d-debilità fiżika seħħet fil-ħin tal-ħabta u kienet effett dirett tagħha. Il-Qorti ssib li l-fehmiet tal-konsulent mediku kif imsejsa fir-Rapport Mediku ma ġew kontrastati minn ebda espert ieħor, u li fil-fatt l-imħarrkin ma ressqu ebda talba għall-ħatra ta' espert mediku mill-Qorti;

Illi biex il-Qorti tasal għall-kumpens xieraq li l-attriċi għandha tingħata, trid tasal għall-konklużjoni illi dak li qed titlob l-attriċi bħala *damnum emergens* ġabet il-prova tiegħu li ntefaq b'riżultat ta' dan l-inċident, filwaqt illi biex tasal għall-kumpens ta' *lucrum cessans,* il-Qorti trid tqis it-telf ta' qligħ li l-attriċi setgħet batiet diġà minn dakinhar tal-inċident sal-lum[50], u dak li se' jkollha tbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li hija ġarrbet fl-inċident mertu tal-każ;

Illi għal dak li jirrigwarda d-***damnum emergens***, l-attriċi għalkemm tagħmel referenza għalihom fis-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub[51], ma ressqet ebda prova tagħhom fil-mori tal-kawża. Għaldaqstant, fuq nuqqas ta' provi, ebda kumpens ma jista' jingħata għalihom;

Illi għal dak li jirrigwarda l-***lucrum cessans***, l-attriċi jidher li torbot din il-pretensjoni tagħha mal-fatt li għadha tbati ħafna biex tagħmel sewwa u bla xkiel xogħolha fid-dar, kif ukoll il-fatt li l-inċident bidlilha ħajjitha għaliex tħossha kontinwament dipendenti fuq ħaddieħor;

Illi l-kejl tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom;

[47] Art. 1045(1) tal-Kap. 16
[48] Dok. "CG" f'paġ 49 tal-proċess
[49] Rapport Mediku mmarkat bħala Dok. "A" f'paġġ. 4-6 tal-proċess
[50] PA JSP 31.1.1995 fil-kawżafl-ismijiet Vincent Cutajar vs. Alfred Scicluna (mhux appellata)
[51] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Attriċi f'paġ. 260 tal-proċess

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, it-telf ta' qligħ imġarrab u dak tal-ġejjieni jrid jiġi mistħarreġ fil-kuntest li l-attriċi hija mara tad-dar li fiż-żmien li seħħ l-inċident ma kellhiex impieg, u li kellha l-età ta' sitta u sittin (66) sena;

Illi f'dan ir-rigward, jingħad li l-Qrati tagħna ilhom żmien jaċċettaw li mara miżżewġa li ma kellhiex impieg jistħoqqilha tingħata kumpens għall-ġrieħi mġarrbin minnha f'inċident dannuż u minħabba dan il-fatt waħdu[52]. Ix-xogħol tad-dar huwa meqjus li għandu valur ekonomiku w l-liġi dan tagħtih għarfien[53];

Illi tidħol hawnhekk ukoll konsiderazzjoni tal-kejl tal-*multiplier* li għandu jitħaddem biex jitqies l-ammont tal-kumpens mistħoqq. Huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-*multiplier* huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant, li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra matematika[54]. Manadankollu, huwa daqstant minnu li l-kejl tal-*multiplier* intuża wkoll mill-Qrati tagħna fejn l-età tal-persuna korruta kien qabeż l-età tal-irtirar mix-xogħol u minkejja li l-vittma ma kenitx taħdem bi qligħ minnufih qabel l-inċident[55];

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[56], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija sewwasew fil-massimu tal-*multiplier*, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[57], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[58], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[59];

---

[52] Ara App. Ċiv. **19.9.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Żammit et vs George Beżżina*** (mhix pubblikata) u App Ċiv. **16.1.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Apap vs Degiorgio*** (mhix pubblikata)

[53] P.A. DS **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Buġeja vs Carmel Spiteri***

[54] P.A. JZM **13.7.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin*** (riformata mill-Qorti tal-Appell fit-**30.5.2014**)

[55] Ara PA AJM **4.10.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Smith vs Peter Grech*** (mhux pubblikata) u P.A. AE **25.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Conti et vs Salvu Mifsud***. Ara wkoll P.A. GV **12.7.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Saviour Sammut vs Robert Demanuele*** fejn il-Qorti qieset li l-kejl xieraq tal-*multiplier* m'għandux jintrabat bl-għama mal-kriterju tal-ħajja lavorattiva tal-vittma

[56] App. Ċiv. **16.11.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri*** (mhix pubblikata)

[57] App. Kumm. **26.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Buġeja noe et vs George Aġius et noe*** (mhix pubblikata)

[58] Kumm. **11.7.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Aġius vs Joseph Galea et noe*** (mhix pubblikata)

[59] P.A. **15.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Karen Żimelli vs Michael Sammut*** ; P.A. RCP **25.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gordon Spiteri vs Waste Control Services*** Limited; u App. Ċiv. **15.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef StJohn et vs Richard Spiteri et***

Illi mbagħad, fil-każ ta' mara tad-dar jew ta' persuna li tagħżel li tibqa' d-dar minflok taħdem b'impieg, hemm konsiderazzjoni oħra partikolari li trid issir. Din hi li, għall-kuntrarju ta' dak li jiġri fid-dinja tax-xogħol, ħadd ma jgħaddilu minn moħħu li jgħid li ħaddiem domestiku (sakemm ikun għadu f'sikktu) jieqaf jagħmel dak ix-xogħol hekk kif jilħaq l-età tal-irtirar. Ix-xogħol fid-dar m'huwiex wieħed li xiħadd jerfa' minnu, jekk għadu f'saħħtu u jista' jagħmlu, malli jilħaq l-età tal-pensjoni jew tal-irtirar bħalma wieħed jerfa' minn impieg[60]. Għalhekk, x'aktarx, għall-finijiet ta' *multiplier*, persuna li taħdem fid-dar għandha titqies bil-kejl tal-aspettativa tat-tul tal-ħajja, limitat naturalment bil-konsiderazzjoni li, wara ċertu età, bniedem ma jibqax jista' jieħu ħsieb jagħmel dak ix-xogħol;

Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi u kunsiderazzjonijiet, u wara li l-Qorti qabblet il-qagħda tal-attriċi ma' oħrajn bħalha f'kawżi ta' din ix-xorta, il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' sitt (6) snin;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir f'daqqa (dak li jissejjaħ '*lump sum payment'*), iż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[61]. F'dan il-każ, l-attriċi fetħet il-kawża sentejn wara l-inċident, u għalhekk il-Qorti jidhrilha li għandu jsir tnaqqis proporzjonat skond ir-regoli mħaddna li mis-somma titnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li tgħaddi minn dakinhar li nfetħet il-kawża sa dakinhar li tingħata s-sentenza[62]. Għalhekk, sejjer isir tnaqqis ta' sitta fil-mija (6%) mis-somma ta' danni likwidati;

Illi meta l-vittma ta' inċident ma tkunx taħdem bi qligħ fiż-żmien li dak l-inċident iseħħ, il-prattika hi li jingħata valur għax-xogħol tad-dar li hija tkun tagħmel u li dan il-valur jintrabat minn tal-anqas mal-paga minima li tkun tgħodd għal dak iż-żmien[63]. Din kienet titla' għal mija tmienja u ħamsin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€158.11) fil-ġimgħa[64]. Meta wieħed iqis il-*multiplier* li se' jkun jgħodd għall-każ tal-lum flimkien ma' xi żidiet li tabilfors isiru fil-każ tal-paga minima, jidher xieraq li għall-għanijiet ta' kalkolu, il-Qorti tqis ammont medju ta' mija u disgħa u tmenin (€189) kull ġimgħa, jew disat elef, tmien mija tmienja u għoxrin ewro (€9,828) bħala moltiplikand;

---

[60] Ara, per eżempju, P.A. GCD **6.6.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Olga Busuttil et vs Ray Muscat*** (mhix pubblikata)
[61] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri***
[62] Ara, fost oħrajn, P.A. JSP **30.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Abela vs Martin Spagnol*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe***
[63] P.A. NA **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Schembri vs David Tanti***
[64] Ara A.L. 126 tal-1992 kif emendata (L.S. 452.71)

Illi dan ifisser li d-dannu likwidat imġarrab mill-attriċi għall-ġejjieni jitla' għal sebat elef mitejn u sitt euro (€7,206)[65] u liema dannu jridu jagħmlu tajjeb għalih iż-żewġ imħarrkin solidalment;

Illi għalhekk, kemm it-tieni u kif ukoll it-tielet talbiet attriċi sejrin jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi u** ssib li l-imħarrka Lindsey Borġ taħti għall-inċident li seħħ nhar it-28 ta' Awwissu, 2012, fi Triq Pawlu Inguanez, fir-Rabat, meta tajret lill-attriċi bil-karozza misjuqa minnha u li l-imħarrkin iridu jagħmlu tajjeb għad-danni mġarrba mill-attriċi bħala riżultat tal-imsemmi inċident;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrba mill-attriċi fl-ammont ta' sebat elef mitejn u sitt euro (€7,206);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-attriċi s-somma ta' sebat elef mitejn u sitt ewro (€7,206) bħala danni likwidati;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** lill-imħarrkin iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**
**11 ta' April, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**
**11 ta' April, 2019**

[65] €9,828 x 6 x 0.13 x 0.94 = € 7206